MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ABIGAIL LOFARO**

Seduta ta' l-24 ta' Lulju, 2013

Rikors Numru. 287/2013

**AB**

**-vs-**

**CB**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors tar-rikorrenti li *in forza* tieghu, wara li ppremetta :

Illi l-kontendenti zzewgu fit-28 ta‘ Awissu 1966 fil-Knisja ta’ Sant’ Elena, Birkirkara kif jidher fl-att ta’ zwieg hawn anness u markat Dokument “A”;

Illi minn dan iz-zwieg twieldu zewgt itfal, li llum ghandhom aktar minn 23 sena u huma indipendenti;

Illi z-zwieg bejn il-partijiet tkissser irrimedjabilment, fil-bidu tas-sena 2004, huma isseparaw de facto u baqghu jghixu kontinwament separati minn xulxin sal-lum;

Illi inoltre l-kontendenti sseparaw legalment in forza ta' kuntratt tat-22 ta' Novembru 2004 fl-atti tan-Nutar Dottor Rachel Mallia (hawn anness u market Dokument "B");

Illi in forza tal-imsemmi kuntratt ta' separazzjoni, l-esponent Alfred Attard obbliga ruhu li jhallas lil martu l-intimata Salvina Attard, is-somma ta' € 23.29 fix-xahar bhala manteniment ghaliha, liema manteniment jithallas lill-intimata mid-Dipartiment tas-Servizzi Socjali wara li jitnaqqas mill-pensjoni dovuta lill-esponent;

Illi llum il-kontendenti ghandhom hajjithom indipendenti minn xulxin u ma hemm l-ebda prospett ragjonevoli li jirrikonciljaw;

Illi konsegwentement jirrikorru l-elementi kollha mehtiega skond l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili ghall-pronunzjament tad-divorzju bejn il-kontendenti;

Talab li l-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex tippronunzja id-divorzju u l-hall taz-zwieg tal-kontendenti a tenur tal-Artikolu 66A tal-Kodici Civili tal-Ligijiet ta' Malta, u dan taht dawk il-provvedimenti li din il-Qorti jidhrilha xieraq u opportun;

Rat id-dokumenti kollha li gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tal-11 ta' Gunju, 2013;

Rat illi l-intimjata debitament notifikata maipprezentatx risposta u ma dehritx ghas-seduti iffissati mill-Qorti;

Semghet lir-rikorrenti jixhed bil-gurament tieghu;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ipprova illi il-partijiet ilhom legalment separati mit-22 ta’ Novembru 2004 u illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta’ rikonciljazzjoni bejn il-partijiet;

Illi ir-rikorrenti ipprova ukoll illi ma hemm l-ebda manteniment dovut da parti tieghu lill-intimata u illi ulied il-partijiet ghandhom ‘il fuq minn tlieta u ghoxrin (23) sena;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa’ t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------